



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.11.2018
COM(2018) 740 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

dwar it-thaddim tad-Direttiva dwar it-Tagħmir tar-Radju 2014/53/UE

WERREJ

1. Daħla.....	2
2. Tranżizzjoni u koerenza aħjar	4
2.1. Sessjoni ta' ħidma.....	4
2.2. Gwida dwar id-data tal-applikabilità relatata mad-Direttivi l-ġodda tas-settur tal-elettriku	5
2.3. Gwida għall-RED	5
3. Tħaddim.....	6
3.1. Notifika tal-Miżuri ta' traspożizzjoni	6
3.2. L-applikazzjoni fl-istati taż-ŻEE u tal-EFTA.....	6
3.3. Valutazzjoni tal-konformità	7
3.4. Sorveljanza tas-Suq (konformità u kooperazzjoni mtejbja)	8
3.5. Il-Kumitat (TCAM)	11
4. Standards Armonizzati	12
4.1. Il-fini tal-Istandards Armonizzati	12
4.2. Tħejjija tal-Istandards Armonizzati.....	13
4.3. Il-passi ġenerali segwiti mill-Kummissjoni biex issolvi l-problemi.....	14
4.4. Sitwazzjonijiet u soluzzjonijiet speċifiċi	15
4.4.1. L-istandard tal-WiFi (EN 301 893)	15
4.4.2. Standards armonizzati li ma jinkludux speċifikazzjonijiet fuq il-parametri tal-prestazzjoni tar-riċevituri.....	16
4.5. Stat tal-istandards armonizzati skont l-RED	16
5. Ir-rekwiżiti.....	17
5.1. Ir-rekwiżiti bbażati fuq l-approċċ il-ġdid.....	17
5.2. Is-setgħa mogħtija lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati u ta' implimentazzjoni.....	17
5.2.1. L-Artikolu 3.3 (rekwiżiti essenzjali addizzjonali) u l-Artikolu 4 (kombinazzjonijiet ta' tagħmir tar-radju u softwer)	17
5.2.2. Artikolu 5 (reġistrazzjoni)	21
5.2.3. Dispożizzjonijiet oħra	21
5.3. Tneħħija tal-obbligi amministrattivi mhux meħtieġa u l-ambigwitajiet.....	22
6. Konklużjoni	23
Anness	26
Bidliet Introdotti mill-RED	26

1. Daħla

L-Industrija tal-Inġinerija għandha rwol strateġiku fl-ekonomija tal-Ewropa. Din tipproduċi madwar 30 % tal-valur miżjud tal-manifattura tal-UE u tipprovdi soluzzjonijiet teknoloġiċi rilevanti għall-politiki ewlenin tal-UE. Tagħmir elettriku u mekkaniku li huwa ekoloġiku, innovattiv u intelliġenti jirriżulta f'aktar impjiegi u impjiegi aħjar fl-ekonomija sħiħa u fi prodotti u servizzi iktar nodfa, effiċjenti u kompetittivi. L-industrija tal-inġinerija huma setturi abilitanti essenzjali għal industrija oħrajn, kif ukoll il-fornituri ta' oġġetti u servizzi kapitali u intermedji għas-setturi kollha tal-ekonomija.

Wieħed mill-istrumenti legali ewlenin tal-Unjoni Ewropea (UE) fid-dominju tal-Industrija tal-Inġinerija Elettrika u Elettronika huwa d-Direttiva dwar it-Tagħmir tar-Radju (RED)¹ li tistabbilixxi qafas regolatorju għat-tqegħid ta' tagħmir tar-radju fis-suq intern u tapplika, soġġett għal għadd ta' eċċezzjonijiet, għal prodotti li jużaw l-ispettru tal-frekwenza tar-radju (tagħmir tar-radju)². L-istrumenti l-oħra fid-dominju tal-Industrija tal-Inġinerija Elettrika u Elettronika huma d-Direttiva dwar il-Vultaġġ Baxx 2014/35/UE³ u d-Direttiva dwar il-Kompatibbiltà Elettromanjetika 2014/30/UE⁴.

It-tagħmir tar-radju, li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-RED, mhuwiex soġġett għad-Direttiva 2014/35/UE u d-Direttiva 2014/30/UE⁵, madankollu dan għandu jikkonforma mar-rekwiżiti essenzjali ta' dawk id-Direttivi billi l-Artikolu 3(1) tal-RED jirreferi għar-rekwiżiti essenzjali tagħhom.

L-RED kienet ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-UE (ĠU) fit-22 ta' Mejju 2014, daħlet fis-seħħ fil-11 ta' Ġunju 2014 u bdiet tapplika mit-13 ta' Ġunju 2016. Din ħassret id-Direttiva 1999/5/KE dwar it-tagħmir tar-radju u tagħmir terminali ta' telekomunikazzjonijiet⁶.

¹ Id-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir tar-radju u li tħassar id-Direttiva 1999/5/KE (ĠU L 153, 22.5.2014, p. 62).

² L-Artikolu 1 tad-Direttiva jispeċifika l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva u l-Artikolu 2 jiddefinixxi t-terminu "tagħmir tar-radju".

³ Id-Direttiva 2014/35/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relattivament għat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir elettriku ddisinjat għall-użu fi ħdan ċerti limiti tal-voltaġġ (ĠU L 96, 29.3.2014, p. 357).

⁴ Id-Direttiva 2014/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mal-kompatibbiltà elettromanjetika (ĠU L 96, 29.3.2014, p. 79).

⁵ L-Artikolu 1(4) tal-RED jistipula li t-tagħmir tar-radju fil-kamp ta' applikazzjoni tal-RED mhuwiex soġġett għad-Direttiva 2014/35/UE; u l-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2014/30/UE jistipula li dan tal-aħħar ma japplikax għat-tagħmir tar-radju.

⁶ Id-Direttiva 1999/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 1999 dwar it-tagħmir tar-radju u tagħmir terminali ta' telekomunikazzjonijiet u r-rikonossiment reċiproku tal-konformità tagħhom (ĠU L 91, 7.4.1999, p. 10).

Din ipprovdiet għal perjodu tranżitorju ta' sena, li ntemm fit-12 ta' Ġunju 2017 (l-Artikolu 48). Matul il-fażi tranżitorja, il-manifatturi kienu permessi jqiegħdu fis-suq tagħmir tar-radju li jikkonforma mal-RED jew inkella mal-leġiżlazzjoni tal-UE applikabbli qabel it-13 ta' Ġunju 2016 (eż id-Direttiva 1999/5/KE).

L-RED allinjat id-Direttiva 1999/5/KE mal-Qafas Leġiżlattiv Ġdid⁷. Ir-reviżjoni qieset il-ħtieġa għal sorveljanza tas-suq imtejba, l-aktar permezz tal-introduzzjoni tal-obbligi ta' traċċabilità tal-manifatturi, tal-importaturi u tad-distributuri. Din tipprovd i wkoll il-possibbiltà li jiġu adottati atti delegati li jeħtieġu reġistrazzjoni minn qabel għal daw k il-klassijiet ta' tagħmir tar-radju affettwati minn livelli baxxi ta' konformità. Elementi ġodda oħra huma l-inklużjoni fil-kamp ta' applikazzjoni ta' tagħmir li jirċievi biss ho ss tar-radju pur u li jirċievi biss TV u radju u s-simplifikazzjoni ta' ċerti rekwiżiti amministrattivi. Għal tqabbil fil-qosor bejn l-RED u d-Direttiva 1999/5/KE, ara l-Anness mehmuż.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa fl-RED li tadotta atti delegati dwar kwistjonijiet speċifiċi. L-Artikolu 44(2) tal-RED jipprovd i li s-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin mill-11 ta' Ġunju 2014 u l-Kummissjoni hija mitluba tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa sa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ħames snin (jiġifieri sal-10 ta' Settembru 2018).

Barra dan, skont l-Artikolu 47(2) tal-RED, il-Kummissjoni għandha tirrevedi kif qed taħdem id-Direttiva (jiġifieri, l-RED) u tirrapporta dwarha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, sat-12 ta' Ġunju 2018 u kull ħames snin wara.

Rapport għall-fini tal-Artikolu 47(2) tal-RED inevitabilment se jkopri d-dettalji dwar l-inizjattivi meħudin jew li se jittieħdu għall-preparazzjoni tal-atti delegati skont l-RED, jiġifieri dan se jirrapporta wkoll dwar kwistjonijiet relatati mal-Artikolu 44(2). Barra dan, il-perjodu ta' żmien għas-sottomissjoni tar-rapport għall-fini tal-Artikolu 47(2) huwa viċin ħafna tad-data għas-sottomissjoni ta' rapport għall-fini tal-Artikolu 44(2) tal-RED.

Dan ir-Rapport għalhekk huwa ppreparat għall-fini tal-Artikoli 44(2) kif ukoll 47(2) tal-RED. Skont l-Artikolu 47(2) tal-RED, dan ir-Rapport ikopri kwistjonijiet dwar it-traspożizzjoni u l-mod kif taħdem l-RED, li jinkludi l-progress fuq it-tfassil tal-istandards rilevanti⁸ u l-attivitajiet tal-Kumitat tal-Valutazzjoni tal-Konformità u s-Sorveljanza tas-Suq tat-Telekomunikazzjonijiet (TCAM)⁹. Dan jipprovd i wkoll informazzjoni dwar kwistjonijiet

⁷ Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30);

Id-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar qafas komuni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/465/KEE (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 82).

⁸ It-Taqsima 4 ta' dan ir-Rapport.

⁹ It-Taqsima 3.5 ta' dan ir-Rapport.

relatati mal-paragrafu (a) tal-Artikolu 47(2) li jirreferi għal sistema koerenti,¹⁰ il-paragrafu (d) tal-Artikolu 47(2) li jirreferi għall-protezzjoni tal-konsumatur,¹¹ il-paragrafu (e) tal-Artikolu 47(2) li jirreferi għal ċarġers komuni¹² u l-paragrafu (f) tal-Artikolu 47(2) li jirreferi għat-tikkettar elettroniku¹³. Fl-aħħar, dan ir-Rapport jipprovdi dettalji u aġġornament, skont l-Artikolu 44(2) tal-RED, dwar id-delega tas-setgħa¹⁴.

Dan huwa l-ewwel rapport imħejji, kważi sena biss wara t-tmiem tal-perjodu tranżitorju, għall-fini tal-Artikolu 47(2). Għaldaqstant, għadu kmieni wisq biex jingħataw dettalji dwar il-punti kollha elenkati fl-Artikolu 47(2) tal-RED u b'mod ġenerali biex jintlaħqu konklużjonijiet dwar l-effikaċja tal-RED. Skont l-Artikolu 47(2) tal-RED, għandu jiġi ppreparat rapport kull ħames snin li jfisser li r-rapport li jmiss se jkun ippreparat u mressaq fl-2023.

2. Tranżizzjoni u koerenza aħjar

2.1. Sessjoni ta' ħidma

Minħabba l-elementi ġodda introdotti mill-RED, l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati qajmu mistoqsijiet dwar l-applikabilità tal-RED kif ukoll dwar l-interpretazzjoni ta' ċertu dispożizzjonijiet b'mod partikolari fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni, għalhekk il-Kummissjoni organizzat sessjoni ta' ħidma miftuħa fi Brussell f'Novembru 2014. L-għan tas-sessjoni ta' ħidma kien li tittratta kwistjonijiet u mistoqsijiet dwar it-traspożizzjoni tal-RED, sabiex l-Istati Membri jkunu lesti biex jippreparaw il-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali fil-ħin u b'mod koerenti u l-partijiet ikkonċernati (eż l-industrija u l-korpi notifikati) ikunu lesti biex japplikaw l-RED b'mod konsistenti, mad-data ta' applikazzjoni tagħha.

Kien hemm għadd kbir ta' parteċipanti (madwar 100) li ġew, l-aktar, mill-Istati Membri, l-istati tal-EFTA¹⁵, l-Organizzazzjonijiet Ewropej tal-Istandardizzazzjoni, l-assoċjazzjonijiet tal-industrija, il-korpi notifikati, l-assoċjazzjoni tal-konsumaturi, eċċ. Wara, ġie ppubblikat dokument ta' "Mistoqsijiet u Tweġibiet" fuq is-sit web tal-Kummissjoni¹⁶.

¹⁰ It-Taqsimiet 2 u 3 ta' dan ir-Rapport.

¹¹ It-Taqsimiet 3.4 u 5.1 ta' dan ir-Rapport.

¹² It-Taqsima 5.2.1 ta' dan ir-Rapport.

¹³ It-Taqsima 5.3 ta' dan ir-Rapport.

¹⁴ It-Taqsima 5.2 ta' dan ir-Rapport.

¹⁵ Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

¹⁶

https://circabc.europa.eu/faces/jsp/extension/wai/navigation/container.jsp?FormPrincipal:_idcl=FormPrincipal:_id1&FormPrincipal_SUBMIT=1&id=2c3f2fd2-7a1e-498b-b256-

2.2. Gwida dwar id-data tal-applikabilità relatata mad-Direttivi l-ġodda tas-settur tal-elettriku

Kien hemm il-ħtieġa li tingħata gwida lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati, li tispjega fid-dettall l-applikabilità tad-Direttivi l-ġodda tas-settur tal-elettriku (id-Direttiva 2014/30/UE, id-Direttiva 2014/35/UE u l-RED) fir-rigward tad-data tat-tqegħid fis-suq ta' prodott. B'reazzjoni, is-servizzi tal-Kummissjoni ppreparaw gwida bħal din, li ġiet ippubblikata fuq is-sit web tal-Kummissjoni¹⁷.

Id-dokument jiċċara liema Direttiva tas-settur elettriku tapplika f'sitwazzjoni speċifika, billi jikkunsidra d-data li fiha prodott jitqiegħed fis-suq, il-perjodu tranżitorju tal-RED, il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi l-qodma u l-ġodda tas-settur tal-elettriku kif ukoll id-data ta' applikabilità ta' dawn id-Direttivi.

2.3. Gwida għall-RED

F'Mejju 2017, il-Gwida l-ġdida għall-RED kienet ippubblikata fuq is-sit web tal-Kummissjoni¹⁸. Din il-Gwida hija maħsuba biex isservi bħala manwal għall-partijiet kollha affettwati b'mod dirett jew indirett mill-RED. Din għandha tassisti fl-interpretazzjoni tal-RED. Il-Gwida mhijiex legalment vinkolanti.

Il-Gwida tispjega u tiċċara uħud mill-kwistjonijiet l-iktar importanti relatati mal-applikazzjoni tal-RED, bħall-kamp ta' applikazzjoni, ir-rekwiżiti essenzjali, il-proċeduri tal-valutazzjoni tal-konformità applikabbli, ċerti obbligi speċifiċi relatati mal-operaturi ekonomiċi, eċċ. Din ġiet imħejjija f'kollaborazzjoni mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati (l-assoċjazzjonijiet tal-industrija, l-assoċjazzjonijiet tal-konsumatur, il-korpi notifikati, l-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni).

F'Ġunju 2018, is-servizzi tal-Kummissjoni ppubblikaw verżjoni aġġornata ta' din il-Gwida, approvata wkoll mill-Kumitat tal-Valutazzjoni tal-Konformità u s-Sorveljanza tas-Suq tat-Telekomunikazzjonijiet (TCAM),¹⁹ li tinkludi kjarifiki dwar kwistjonijiet, li tqajmu wara l-pubblikazzjoni tal-ewwel verżjoni tal-Gwida u ta' referenzi aġġornati. Pereżempju, din tiċċara jekk l-RED tapplikax għall-moduli tar-radju, tipprovdi aġġornament dwar l-

c7c85e96891a&javax.faces.ViewState=WXo%2B3DiKvC1sgfiJgWiFpwTJElZCb7sHCA1Tg7Y4WroVCye3RKhZnoGa5AxXOt1iNR9YAQMn7hmkBcHBMzQVh6vbC225GAC2nNQAj95%2B6qjnODVKE9YgTSrWWN5p7lXZP4NIUih%2Ft2Xjflit4plfoUl%2BqU%3D

¹⁷ http://ec.europa.eu/growth/sectors/electrical-engineering/ec-support_en

¹⁸ http://ec.europa.eu/growth/sectors/electrical-engineering/red-directive_en

¹⁹ Dwar it-TCAM, ara t-Taqsima 3.5.

applikabilità tal-RED għad-drones u għandha kontroreferenza għall-gwida supplimentari dwar tagħmir kombinat²⁰.

3. Tħaddim

3.1. Notifika tal-Miżuri ta' traspożizzjoni

L-Artikolu 49(1) tal-RED jistipula li l-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sat-12 ta' Ġunju 2016, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva (jiġifieri l-RED). Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk il-miżuri lill-Kummissjoni.

Sa Lulju 2016, 14-il Stat Membri kienu nnotifikaw il-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali tagħhom. Bħala konsegwenza, f'Lulju 2016 il-Kummissjoni Ewropea bagħtet Ittra ta' Notifika Formali lill-14-il Stat Membru l-oħra li ma kkonformawx mal-Artikolu 49(1). Sal-aħħar tas-sena 2017, l-Istati Membri kollha nnotifikaw att nazzjonali wieħed jew aktar imsemmija bħala miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali. L-RED għalhekk ġiet trasposta fl-Istati Membri kollha u kull fajl dwar ksur relatat mal-Artikolu 49(1) tal-RED ingħalaq. Informazzjoni dwar il-proċeduri tal-ksur segwiti, għal kull Stat Membri, hija disponibbli fuq il-bażi ta' *data* tal-Kummissjoni.²¹

Is-servizzi tal-Kummissjoni ma rċevewx ilmenti relatati ma' problemi kkawżati fuq il-moviment ħieles ta' tagħmir tar-radju, li diġà jikkonforma mal-RED, li jirriżultaw mill-aħħar traspożizzjoni tal-RED.

3.2. L-applikazzjoni fl-istati taż-ŻEE u tal-EFTA

L-RED tapplika fl-istati taż-ŻEE u ²²tal-EFTA²³ (in-Norveġja, l-Iżlanda u l-Liechtenstein) billi din ġiet inkorporata fil-Ftehim ŻEE permezz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE²⁴ u sussegwentement trasposta fil-liġi nazzjonali minn dawk l-Istati.

²⁰ Din il-gwida supplimentari hija relatata mal-applikabilità tad-Direttivi dwar is-Settur tal-Elettriku fir-rigward ta' prodotti mhux tar-radju (bħall-apparat elettrodomestiku) meta dawn jaħdmu b'tagħmir tar-radju kif ukoll tagħmir elettriku/elettroniku meta dan ikun inkluż f' jew meħmuż ma' prodotti mhux elettriċi (bħal żraben, għamara, eċċ); din hija ppubblikata fuq is-sit web tal-Kummissjoni:

http://ec.europa.eu/growth/sectors/electrical-engineering/ec-support_en

²¹ http://ec.europa.eu/atwork/applying-eu-law/infringements-proceedings/infringement_decisions/?lang_code=en

²² Żona Ekonomika Ewropea.

²³ Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles

L-Iżvizzera adattat il-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha²⁵ li hija ekwivalenti għall-RED. Għaldaqstant, il-Kapitolu 7 rilevanti tal-Anness I tal-Ftehim ta' Rikonoxximent Reċiproku konkluż bejn l-UE u l-Iżvizzera, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2002²⁶ ġie emendat²⁷ biex jirrifletti l-acquis tal-UE l-ġdid u l-leġiżlazzjoni ekwivalenti Żvizzera.

3.3. Valutazzjoni tal-konformità

F'Mejju 2015, is-servizzi tal-Kummissjoni bagħtu ittra lill-Istati Membri kollha biex jistednuhom jibdew jinnotifikaw lill-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità tagħhom skont l-RED, bil-kundizzjoni li d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-RED ikunu ġew trasposti. Dik l-ittra enfasizzat ukoll il-fatt li l-korpi notifikati skont id-Direttiva mħassra jġu rtirati mit-13 ta' Ġunju 2017 (jiġifieri wara li jintemm il-perjodu tranżitorji stipulat fl-Artikolu 48 tal-RED).

Sa l-aħħar tal-perjodu tranżitorju (jiġifieri sat-12 ta' Ġunju 2017), 61 korp kienu ġew innotifikati, sal-aħħar tas-sena 2017 kienu ġew innotifikati 4 korpi oħra u sal-aħħar ta' April 2018 l-għadd totali ta' dawn il-korpi laħaq 70²⁸.

Ma nstabet l-ebda problema partikolari fir-rigward tan-notifika tal-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità skont l-RED. Barra minn hekk, il-Kummissjoni qatt ma rċeviet informazzjoni li tindika li l-korpi notifikati kellhom wisq xogħol jew li ma setgħux iwettqu l-kompiti tagħhom. Għalkemm kien hemm dewmien fil-pubblikazzjoni tal-istandards armonizzati (id-dettalji huma mogħtija fit-Taqsima 4) u bħala riżultat kien meħtieġ l-involvement ta' korp notifikat għal rekwiżiti speċifiċi,²⁹ il-Kummissjoni xorta ma rċevix informazzjoni li tindika li dawn kellhom wisq xogħol.

L-RED hija direttiva b'approċċ ġdid. Din hija bbażata l-aktar fuq is-sistema tad-Dikjarazzjoni ta' Konformità (DtK) tal-UE, li tobligha l-manifatturi jiċċertifikaw il-prodotti tagħhom stess u jżommu fajl tekniku, dwar il-konformità tal-prodotti mar-rekwiżiti applikabbli, għal spezzjoni mill-awtoritajiet ta' sorveljanza.

²⁴ Id-Deċiżjoni tal-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 89/2016 tat-29 ta' April 2016 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE (COM/2012/0584 final).

²⁵ L-Ordinanza tal-25 ta' Novembru 2015 dwar Tagħmir tat-Telekomunikazzjonijiet (OPT) (RO 2016 179) u l-Ordinanza tas-26 ta' Mejju 2016 tal-Uffiċċju Federali tal-Komunikazzjonijiet (OFCOM) dwar Tagħmir tat-Telekomunikazzjonijiet (RO 2016 1673) kif emendat l-aħħar fil-15 ta' Ġunju 2017 (RO 2017 3201).

²⁶ ĠU L 114, 30.4.2002, p. 369, kif emendat.

²⁷ Id-Deċiżjoni Konġunta tal-Kummissjoni 1/2017 tat-28 ta' Lulju 2017, ĠU L 323, 7.12.2017, p. 51-102.

²⁸ Dan jinkludi l-korpi notifikati mill-istati tal-UE/ŻEE/MRA. Il-lista li fiha d-dettalji u l-informazzjoni aġġornata tinsab fuq: <http://ec.europa.eu/growth/tools-databases/nando/>

²⁹ Għall-valutazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti relatati mal-Artikolu 3(2) u (3), iżda ma hemm l-ebda obbligu bħal dan għar-rekwiżiti relatati mal-Artikolu 3(1).

F'sitwazzjonijiet speċifiċi u eċċezzjonali huwa meħtieġ l-involvement ta' parti terza (f'dan il-każ ta' korp notifikat)³⁰. Madankollu, fil-passat, il-manifatturi ħafna drabi kienu jippreferu jfittxu approvazzjoni minn korp notifikat anke meta dan ma kienx meħtieġ, billi dawn kienu applikaw l-standards armonizzati rilevanti³¹. Irid jitqies jekk l-allinjament tal-proċeduri tal-valutazzjoni tal-konformità mal-qafas leġislattiv ġdid huwiex se jħeġġeġ il-manifatturi jfittxu approvazzjoni minn korp notifikat biss fis-sitwazzjonijiet speċifiċi previsti fid-Direttiva li jwassal għal tnaqqis fl-ispejjeż amministrattivi.

Il-kriterji dettaljati stabbiliti fl-RED li l-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità jridu jissodisfaw, għandhom l-għan li jiżguraw livell għoli suffiċjenti u uniformi tal-prestazzjoni ta' dawn il-korpi. Minħabba l-Ftehimiet ta' Rikonossiment Reċiproku ma' għadd ta' Stati,³² il-manifatturi jistgħu jibbenefikaw minn aċċess għal suq usa'.

Il-grupp settorjali tal-korpi notifikati, l-Assoċjazzjoni tal-Konformità mad-Direttiva dwar it-Tagħmir tar-Radju (REDCA),³³ jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni effettiva tal-leġislazzjoni f'kooperazzjoni mal-Kumitat stabbilit skont l-RED, jiġifieri, il-Kumitat tal-Valutazzjoni tal-Konformità u s-Sorveljanza tas-Suq tat-Telekomunikazzjonijiet (TCAM)³⁴ u jiffaċilita l-konverġenza tal-prattiki tal-valutazzjoni tal-konformità. L-REDCA tikkollabora mal-organizzazzjonijiet rilevanti bħall-Istitut Ewropew tal-Istandards tat-Telekomunikazzjoni (ETSI), il-Kumitat tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (ECC) u l-Grupp ta' Kooperazzjoni Amministrattiva (ADCO RED)³⁵. Huwa rikonossut li l-applikazzjoni tal-proċeduri tal-valutazzjoni tal-konformità f'manjera konsistenti tiffaċilita l-ksib ta' suq miftuħ u kompetittiv madwar l-Ewropa.

3.4. Sorveljanza tas-Suq (konformità u kooperazzjoni mtejbja)

³⁰ Għall-fini tar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Artikolu 3(2) u (3) tal-RED, għandha tiġi segwita valutazzjoni tal-konformità li tinvolvi korp notifikat meta l-istandards armonizzati huma applikati parzjalment jew meta dawn mhumiex applikati jew ma jeżistux.

³¹ It-tieni Rapport ta' Progress mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar it-tħaddim tad-Direttiva 1999/5/KE, dwar it-tagħmir tar-radju u tagħmir terminali ta' telekomunikazzjonijiet u r-rikonossiment reċiproku tal-konformità tagħhom (COM/2010/0043).

³² https://ec.europa.eu/growth/single-market/goods/international-aspects/mutual-recognition-agreements_en

³³ L-Artikolu 38 tad-Direttiva jeħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-korpi notifikati minnhom jipparteċipaw fil-ħidma tal-grupp settorjali tal-korpi notifikati (għalhekk dak il-grupp), direttament jew permezz ta' rappreżentanti deżinjati.

³⁴ Dwar it-TCAM, ara t-Taqsima 3.5.

³⁵ Dwar l-ADCO RED, ara t-Taqsima 3.4.

B'mod ġenerali, l-RED, li tapplika l-qafas għas-sorveljanza tas-suq ta' prodotti stabbilit bir-Regolament (KE) 765/2008³⁶, tikseb kooperazzjoni aħjar u iktar effiċjenti bejn l-awtoritajiet nazzjonali għas-sorveljanza tas-suq, li hija indispensabbli għas-suċċess tal-politika tas-sorveljanza tas-suq u biex jiġi ggarantit suq miftuħ u kompetittiv madwar l-Ewropa. Din il-kooperazzjoni hija appoġġjata mit-tħaddim tas-Sistema ta' Informazzjoni u Komunikazzjoni għas-Sorveljanza tas-Suq (ICSMS) pan-Ewropea u appoġġjata mill-internet u s-Sistema ta' Twissija Bikrija għal prodotti perikolużi mhux tal-ikel (RAPEX) li jikkostitwixxu għodod essenzjali għall-iskambju ta' informazzjoni u għat-titjib tal-kondiviżjoni tax-xogħol fost l-awtoritajiet³⁷.

Il-kooperazzjoni hija żgurata permezz tal-istabbiliment u l-operazzjoni tal-Grupp ta' Kooperazzjoni Amministrattiva tal-awtoritajiet nazzjonali għas-sorveljanza tas-suq fis-settur speċifiku, il-Grupp ADCO RED. Attività importanti waħda tal-ADCO RED hija l-preparazzjoni u s-sottomissjoni lill-Kummissjoni u lit-TCAM ta' statistika annwali tas-sorveljanza tas-suq għal tagħmir li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-RED (u l-predeċessor tagħha, id-Direttiva 1999/5/KE)³⁸.

Sakemm ġie ffinalizzat dan ir-Rapport, l-ADCO RED ippreżenta l-istatistika tas-sorveljanza tas-suq għas-sena 2016,³⁹ billi matul dik is-sena kienet għadha tapplika d-Direttiva 1999/5/KE; din l-istatistika tipprovdi sejbiet dwar prodotti li ma jikkonformawx mad-Direttiva 1999/5/KE, li jinsabu fis-suq. Aktar speċifikament sat-12 ta' Ġunju 2016, kienet tapplika d-Direttiva 1999/5/KE filwaqt li bejn it-13 ta' Ġunju 2016 u t-12 ta' Ġunju 2017, il-manifatturi kellhom l-għażla li japplikaw jew id-Direttiva 1999/5/KE jew inkella l-RED minħabba l-perjodu tranżitorju stipulat fl-Artikolu 48 tal-RED. Fuq il-bażi ta' dik l-istatistika jista' jiġi ssupponut li l-manifatturi ppreferew japplikaw id-Direttiva 1999/5/KE matul il-perjodu speċifikat. Bħala riżultat, l-ebda konklużjonijiet konkreti ma jistgħu jintlaħqu dwar jekk tipi speċifiċi ta' tagħmir tar-radju humiex affettwati mil-livell baxx ta' konformità mar-rekwiżiti tal-RED.

³⁶ Għal kwistjonijiet ta' sorveljanza tas-suq, l-RED tapplika flimkien mal-Artikoli 15 sa 29 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

³⁷ L-ICSMS hija pjattaforma tal-IT li tiffaċilita l-komunikazzjoni bejn il-korpi tas-sorveljanza tas-suq fl-UE u fil-pajjiżi taż-ŻEE (Żona Ekonomika Ewropea). Din tikkondividi b'mod rapidu u effiċjenti informazzjoni dwar prodotti li ma jikkonformawx, tevita d-duplikazzjoni tax-xogħol, u tgħaġġel it-tneħħija ta' prodotti li ma jikkonformawx mis-suq. Ir-RAPEX tippermetti skambju bikri ta' informazzjoni bejn il-pajjiżi taż-ŻEE u l-Kummissjoni Ewropea dwar prodotti perikolużi mhux tal-ikel. Il-qafas legali biex tiġi stabbilita s-sistema RAPEX hija d-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti 2001/95/KE (GPSD). Ir-Regolament (KE) 765/2008 jestendi l-kamp ta' applikazzjoni tar-RAPEX anke għall-prodotti mhux għall-konsumatur u għal riskji li mhumix għas-sikurezza u s-saħħa sakemm dawn ikunu koperti mil-leġislażzjoni ta' armonizzazzjoni tal-UE. L-iskambju ta' informazzjoni jsir permezz tal-applikazzjoni tal-Internet, li hija ġestita mill-Kummissjoni Ewropea.

³⁸ Għal dettalji dwar l-għanijiet tal-ADCOs, ara:

http://ec.europa.eu/growth/single-market/goods/building-blocks/market-surveillance/organisation/administrative-cooperation-groups_en

³⁹ <https://ec.europa.eu/docsroom/documents/24223>

Minbarra d-*data* t'hawn fuq, il-Kummissjoni rċeviet informazzjoni mill-Istati Membri⁴⁰ dwar l-applikazzjoni tal-RED skont l-Artikolu 47(1)⁴¹. Din l-informazzjoni twassal ukoll għall-konklużjoni li l-manifatturi, sat-tmiem tal-perjodu tranżitorju, kienu jippreferu jużaw id-Direttiva mħassra – iżda xorta applikabbli – jiġifieri d-Direttiva 1999/5/KE. Bħala riżultat, il-konformità tat-tagħmir tar-radju, li kien fis-suq, ġiet ivvalutata fuq il-bażi ta' din tal-aħħar.

Barra dan, ir-rapporti li waslu skont l-Artikolu 47(1) ma jurux jew jikkonkludu li hemm kwistjoni ta' livell baxx ta' konformità, fir-rigward ta' kwalunkwe kategorija ta' tagħmir tar-radju, mar-rekwiżiti essenzjali tal-RED.

L-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi jivvalutaw il-konformità tat-tagħmir tar-radju mad-Direttiva l-ġdida (RED) u jagħtu informazzjoni u *data* iktar dettaljata fis-snin li jmiss.

Problema speċifika mqajma mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq matul il-laqgħat tal-ADCO RED kienet in-nuqqas ta' ċarezza dwar l-applikazzjoni tal-RED għal inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ (drones) u l-ħtieġa li jiġi żgurat li r-rekwiżiti tagħha dwar il-kompatibilità elettromanjetika u l-ispettru tar-radju japplikaw (mill-inqas) għad-drones għall-konsumatur u kummerċjali. Matul id-diskussjonijiet għall-adozzjoni ta' Regolament fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili,⁴² kien miftiehem li tiġi modifikata l-eżenzjoni fl-RED li tirreferi għal tagħmir tal-ajru⁴³. Bħala riżultat, ir-Regolament il-ġdid (UE) 2018/1139, li japplika mill-11/9/2018,⁴⁴ emenda l-Anness I (para. 3) tal-RED bil-għan li jiġi żgurat li l-RED tapplika għall-maġġoranza tal-kategoriji ta' drones.

Fl-2017, il-Kummissjoni ressqet proposta leġiżlattiva għal Regolament dwar il-konformità u l-infurzar tar-regoli tas-suq uniku għal prodotti mhux tal-ikel⁴⁵ bil-għan li tnaqqas l-għadd ta' prodotti li ma jikkonformawx fis-Suq Uniku. Aktar speċifikament, din se tipprovdi l-inċentivi ġusti lin-negozji, tintensifika l-kontrolli tal-konformità u tippromwovi kooperazzjoni transkonfinali iktar mill-qrib fost l-awtoritajiet tal-infurzar billi tikkonsolida l-qafas eżistenti

⁴⁰ Sa April 2018: minn 21 Stat Membru tal-UE.

⁴¹ L-Artikolu 47(1): L-Istati Membri għandhom jippreżentaw rapporti regolari lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva sat-12 ta' Ġunju 2017 u mbagħad mill-inqas kull sentejn. Ir-rapporti għandu jkun fihom preżentazzjoni tal-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq imwettqa mill-Istati Membri u jagħtu tagħrif dwar jekk inkisbitx il-konformità, u sa liema punt, mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva, inkluż b'mod partikolari r-rekwiżiti dwar l-identifikazzjoni tal-operaturi ekonomiċi.

⁴² Proposta li għandha l-għan li tħassar u tissostitwixxi r-Regolament (KE) Nru 216/2008, COM/2015/0613 final - 2015/0277 (COD).

⁴³ L-Anness I.3 tal-RED.

⁴⁴ Ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE.)

⁴⁵ Il-Proċedura 2017/0353/COD.

għall-attivitajiet tas-sorveljanza tas-suq. Barra dan, din se tħeġġeġ azzjonijiet konġunti mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq minn diversi Stati Membri, ittejjeb l-iskambju ta' informazzjoni, tippromwovi l-koordinazzjoni tal-programmi tas-sorveljanza tas-suq u toħloq qafas imsaħħaħ għall-kontrolli fuq il-prodotti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni u għal titjib fil-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u l-awtoritajiet doganali. Din tinkludi, fost affarijiet oħra, it-tħassir tal-Artikolu 39 u tar-raba' subparagrafu tal-Artikolu 40(1) tal-RED⁴⁶.

3.5. Il-Kumitat (TCAM)

L-Artikolu 45 tal-RED jistabbilixxi l-Kumitat tal-Valutazzjoni tal-Konformità u s-Sorveljanza tas-Suq tat-Telekomunikazzjonijiet (TCAM), li huwa kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011⁴⁷. It-TCAM⁴⁸ jagħti l-opinjoni tiegħu fuq atti ta' implimentazzjoni proposti skont l-RED u b'mod ġenerali jiddiskuti kull kwistjoni oħra li tikkonċerna l-applikazzjoni tad-Direttiva mqajma mill-president tiegħu jew inkella mir-rappreżentant ta' Stat Membru skont ir-regoli ta' proċedura tiegħu.

Il-Kumitat, ippresedut mis-servizzi tal-Kummissjoni, aġġorna r-regoli ta' proċedura tiegħu li l-ewwel ġew ippreparati mis-servizzi tal-Kummissjoni, u wara approvati mit-TCAM⁴⁹ u daħlu fis-seħħ fid-19 ta' Settembru 2017. B'hekk, ġie żgurat li l-Kumitat qed jopera.

Jenħtieġ li jkun innutat li kumitat simili kien jeżisti skont id-Direttiva 1999/5/KE (id-Direttiva mħassra). Il-kumitat stabbilit skont id-Direttiva 1999/5/KE ħatar grupp ta' ħidma ppresedut mis-servizzi tal-Kummissjoni⁵⁰, sabiex jipprovdi assistenza u pariri dwar kwistjonijiet speċifiċi. Dak il-grupp ta' ħidma jkompli jopera bħala grupp tal-Kumitat stabbilit permezz tal-RED.

⁴⁶ Minħabba din il-modifika, jekk tiġi adottata, għal kwistjonijiet ta' sorveljanza tas-suq, l-RED se tapplika flimkien mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u mhux mal-Artikoli 15 sa 29 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

⁴⁷ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

⁴⁸ Ir-rappreżentanti mill-Istati Membri jipparteċipaw bħala membri u r-rappreżentanti mill-istati taż-ŻEE u l-EFTA, it-Turkija u l-Iżvizzera jipparteċipaw bħala osservaturi.

⁴⁹ L-abbozz ta' regoli kien sottomess lill-membri tat-TCAM għall-approvazzjoni, permezz tal-CIRCABC, matul il-perjodu mit-3 ta' Awwissu sat-18 ta' Settembru 2017.

⁵⁰ Dan jinkludi esperti mill-Istati Membri, l-istati taż-ŻEE u l-EFTA, it-Turkija u l-Iżvizzera kif ukoll partijiet ikkonċernati (bħall-assoċjazzjonijiet tal-industrija, l-assoċjazzjonijiet tal-konsumatur, il-korpi notifikati, l-organizzazzjonijiet Ewropej tal-Istandardizzazzjoni).

Fl-2015, it-TCAM⁵¹ stabbilixxa sottogrupp dwar “prodotti, parts u apparat tal-ajru”. Dan is-sottogrupp kien stabbilit biex jiddiskuti mistoqsijiet u proposti mqajma f’dokument tat-TCAM li jitratta l-eżenzjoni ta’ tagħmir, parts u apparat tal-ajru fl-Anness I tal-RED u każijiet speċifiċi taħt studju fl-Organizzazzjonijiet Ewropej tal-Istandardizzazzjoni, bħal drones u radars tad-detezzjoni tal-ostakli. Fl-2016, dan is-sottogrupp ippreżenta rapport quddiem it-TCAM bis-sejbiet u rakkomandazzjonijiet għal valutazzjoni ulterjuri⁵².

Kien hemm proċedura waħda ta’ votazzjoni skont l-Artikolu 45(2) - proċedura konsultattiva – relatata mal-abbozz ta’ Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni li jispeċifika kif tiġi ppreżentata l-informazzjoni stipulata fl-Artikolu 10(10) tad-Direttiva 2014/53/UE, dwar liema l-Kumitat ta’ opinjoni pożittiva⁵³.

Il-laqgħat konġunti tat-TCAM u l-Kumitat stabbilit permezz tad-Deċiżjoni dwar l-Ispettru tar-Radju (676/2002/KE),⁵⁴ il-Kumitat dwar l-Ispettru tar-Radju (RSC), huma organizzati bil-għan li jiġu diskussi kwistjonijiet komuni relatati mat-tagħmir tar-radju u għalhekk jgħinu biex l-RED topera kif xieraq. L-aħħar laqgħa ta’ dan il-grupp konġunt saret f’Ottubru 2017.

4. Standards Armonizzati

4.1. Il-fini tal-Istandards Armonizzati

L-applikazzjoni tal-istandards armonizzati, li r-referenzi tagħhom huma ppubblikati fil-ĠU skont id-Direttiva, hija volontarja iżda għandha l-vantaġġ li tagħti “preżunzjoni ta’ konformità” mar-rekwiżiti essenzjali korrispondenti li huma għandhom l-għan li jkopru⁵⁵.

Jekk manifattur jagħżel li ma jsegwix standard armonizzat jew li japplikah biss parzjalment, hu għandu l-obbligu li juri li t-tagħmir tar-radju huwa konformi mar-rekwiżiti essenzjali permezz ta’ mezzi oħra u li jipprovdri ġustifikazzjoni teknika sħiħa li turi l-konformità ma’ dawn ir-rekwiżiti. Jekk ma jeżistux standards armonizzati jew dawn ma jiġux applikati, il-manifattur huwa meħtieġ jikkonsulta korp notifikat għall-valutazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti relatati mal-Artikolu 3(2) u (3), iżda ma hemm l-ebda obbligu bħal dan għar-rekwiżiti relatati mal-Artikolu 3(1).

⁵¹ TCAM WG 07.

⁵² TCAM WG 08(13).

⁵³ Ara t-Taqsima 5.2.3

⁵⁴ Id-Deċiżjoni Nru 676/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta’ Marzu 2002 dwar qafas regolatorju għall-politika dwar l-ispettru tar-radju fil-Komunità Ewropea (ĠU L 108, 24.4.2002).

⁵⁵ L-Artikolu 16 tad-Direttiva jistipula li t-tagħmir tar-radju li jkun konformi ma’ standards armonizzati jew partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu preżunti konformi mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Artikolu 3 koperti minn daww l-istandards jew partijiet minnhom.

L-UE, sa min-nofs is-snin tmenin, għamlet użu dejjem ikbar minn standards biex tappoġġja l-politiki u l-leġiżlazzjoni tagħha. L-istandardizzazzjoni kkontribwiet b'mod sinifikanti għall-kompletezza tas-Suq Intern fil-kuntest ta' leġiżlazzjoni b'“Approċċ Ġdid”, li tirreferi għall-istandards Ewropej żviluppati mill-Organizzazzjonijiet Ewropej tal-Istandardizzazzjoni. Dawk l-organizzazzjonijiet Ewropej għandhom ftehimiet speċjali (rispettivament il-Ftehimiet ta' Vjenna u Frankfurt) mal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni/il-Kummissjoni Elettroteknika Internazzjonali li jiżguraw kollaborazzjoni fuq il-maġġoranza tas-suġġetti dwar l-istandardizzazzjoni u jevitaw irdoppjar tal-attivitajiet. B'mod partikolari, fejn hemm ħidma internazzjonali li tista' tiġi adottata fl-Ewropa, tingħata preferenza lill-ħidma fil-livell internazzjonali.

4.2. Tħejjija tal-Istandards Armonizzati

Il-Kummissjoni, filwaqt li taġixxi skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 dwar l-Istandardizzazzjoni⁵⁶, talbet lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika (CENELEC) u lill-Istitut Ewropew tal-Istandards tat-Telekomunikazzjoni (ETSI) biex jabbozzaw, sabiex jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-Artikolu 3 tal-RED, standards armonizzati għat-tagħmir tar-radju⁵⁷ (il-Mandat).

Il-Mandat tressaq lis-CENELEC u lill-ETSI kważi sentejn qabel l-iskadenza tal-perjodu tranżitorju previst fl-RED. Il-Mandat tressaq fl-4 ta' Awwissu 2015 filwaqt li l-perjodu tranżitorju ntemm fit-12 ta' Ġunju 2017.

Id-data ta' skadenza għat-tressiq – 15 ta' Marzu 2016 - tal-istandards kienet stabbilita fil-Mandat.

Is-CENELEC u l-ETSI kienu kkonsultati waqt li kien qed jiġi mħejji l-Mandat. Għalhekk dawn kienu konxji tal-bżonn li jibdwu jippreparaw standards armonizzati, għall-fini tal-RED, ferm bil-quddiem.

L-aħħar lista ta' standards armonizzati skont id-Direttiva 1999/5/KE kienet tinkludi 252 standard armonizzati, aktar speċifikament 21 relatati mar-rekwiżiti essenzjali fl-Artikolu 3(1)(a), 52 għal dawk fl-Artikolu 3(1)(b) u 179 għal dawk fl-Artikolu 3(2) u 3(3)⁵⁸.

⁵⁶ Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

⁵⁷ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-4.8.2015 dwar talba għal standardizzazzjoni lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika u lill-Istitut Ewropew tal-Istandards tat-Telekomunikazzjoni rigward it-tagħmir tar-radju biex tappoġġja d-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

⁵⁸ Kull Standard Armonizzat, bil-verżjonijiet emendati tiegħu jew f-verżjonijiet multipli (verżjonijiet ġodda u skaduti), kien meqjus bħala Standard Armonizzat wieħed.

Mhux dawn l-istandards armonizzati kollha kienu jeħtieġu li jiġu aġġornati⁵⁹. It-tibdil meħtieġ fil-korp eżistenti ta' standards disponibbli skont id-Direttiva mħassra (id-Direttiva 1999/5/KE), sabiex jiġi rifless b'mod xieraq it-tibdil fl-RED, kien limitat. Mingħajr ħsara għal kwalunkwe standards ġodda li kellhom jiġu mħejjija minħabba l-kamp ta' applikazzjoni l-ġdid tal-RED (mqabbel mal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 1999/5/KE), kien meħtieġ li jiġu aġġornati 187 standard, li r-referenzi tagħhom kienu ppubblikati skont id-Direttiva 1999/5/KE, sabiex jiġu ppubblikati skont l-RED⁶⁰.

Kien hemm, madankollu, dewmien fil-pubblikazzjoni tal-istandards armonizzati skont l-RED minħabba li kien hemm numru kbir ta' standards li ma ġewx imressqa fil-perjodu ta' żmien stipulat jew inkella ma ġewx aġġornati jew adattati għall-fini tal-RED.

Skont ir-Regolament (UE) 1025/2012 dwar l-Istandardizzazzjoni, il-Kummissjoni tista' tippubblika biss l-istandards armonizzati fil-ĠU jekk dawk ikunu tressqu formalment mill-organizzazzjonijiet tal-istandardizzazzjoni u jekk ikunu jissodisfaw ir-rekwiżiti li għandhom l-għan li jkopru.

Il-kwistjonijiet t'hawn fuq rigward id-disponibbiltà fil-ħin tal-istandards ġibdu l-attenzjoni politika u tal-midja.

4.3. Il-passi ġenerali segwiti mill-Kummissjoni biex issolvi l-problemi

Fi sforz biex isolvu l-kwistjonijiet imsemmija hawn fuq u sabiex jevitaw li jerġgħu jqumu sitwazzjonijiet bħal dawn fil-futur, is-servizzi tal-Kummissjoni ħadmu f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-ESOs.

L-ewwel nett, il-Kummissjoni vvalutat malajr kemm jista' jkun l-istandards armonizzati meta dawn tressqu mis-CENELEC u l-ETSI. Il-ħin medju għall-valutazzjoni tal-istandards kien inqas minn xahrejn mit-tressiq informali tagħhom u madwar xahar wieħed mit-tressiq formali tagħhom. Il-Kummissjoni stabbiliet ukoll publikazzjonijiet ta' kull xahar ta' standards armonizzati sabiex tiżgura li l-istandards armonizzati xierqa jkun disponibbli għall-manifatturi fl-iqsar żmien possibbli, kif ipprovdut fl-Artikolu 10(6) tar-Regolament 1025/2016 dwar l-Istandardizzazzjoni. Bħala riżultat, il-pubblikazzjoni ta' standards armonizzati xierqa tista' ssir, bħala medja, fi żmien xahrejn u 3 xhur minn meta jitressqu mis-CENELEC u l-ETSI. Kull meta ġiet mitluba, il-Kummissjoni pprovdiet ukoll kummenti dwar l-abbozzi tal-istandards sabiex tevita problemi potenzjali bil-pubblikazzjoni sussegwenti tagħhom fil-ĠU.

Barra dan, is-servizzi tal-Kummissjoni organizzaw sessjoni ta' ħidma konġunta mal-Korpi Ewropej tal-Istandardizzazzjoni biex jiddeskrivu u jispjegaw ir-rekwiżiti tal-kwalità meħtieġa

⁵⁹ Pereżempju uħud minnhom kienu skaduti jew ikopru tagħmir li ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-RED.

⁶⁰ Is-CENELEC kellu jaġġorna 26 standard armonizzati u l-ETSI 161.

għall-istandards armonizzati u l-iżbalji l-iktar komuni fl-abbozzar tal-istandards armonizzati bil-għan li dawn jiġu evitati fil-futur⁶¹. Matul is-sessjoni ta' ħidma, ġew identifikati studji ta' każijiet speċifiċi sabiex jiġu spjegati r-raġunijiet għan-nuqqas ta' pubblikazzjoni u biex jintwerew eżempji ta' uħud mill-iżbalji l-iktar komuni li jsiru. Ġew diskussi wkoll rakkomandazzjonijiet u l-mod kif jista' jsir progress fuq problemi speċifiċi.

Minħabba d-dewmien fil-preparazzjoni u l-pubblikazzjoni tal-istandards armonizzati skont l-RED,⁶² is-servizzi tal-Kummissjoni rċewew diversi mistoqsijiet dwar l-applikabilità tal-RED, id-dispożizzjonijiet applikabbli matul il-perjodu tranżitorju u jekk il-provvista ta' tagħmir tar-radju (eż mowbajls) li jkun tqiegħed fis-suq qabel it-tmiem tal-perjodu tranżitorju (jiġifieri qabel it-13 ta' Ġunju 2017) tiġix affettwata. Sabiex jiċċaraw iktar l-affarijiet għall-partijiet ikkonċernati, is-servizzi tal-Kummissjoni ppreparaw dokument intitolat "Mistoqsijiet Frekwenti", li kien ippubblikat għall-ewwel darba fis-sit web tal-Kummissjoni f'April 2017⁶³ u li minn dak iż-żmien ġie aġġornat kull meta kien meħtieġ.

B'mod ġenerali, bħala parti mill-Istrateġija tas-Suq Uniku,⁶⁴ il-Kummissjoni qed taħdem fuq il-modernizzazzjoni tas-sistema tal-istandardizzazzjoni Ewropea u nediet l-hekk imsejħa inizjattiva konġunta dwar l-istandardizzazzjoni. L-għan ta' din l-inizjattiva huwa li ssir ħidma fi sħubija pubblika u privata mal-organizzazzjonijiet tal-istandardizzazzjoni u l-Istati Membri sabiex dawn iwieġbu aħjar għall-isfidi tal-istandardizzazzjoni Ewropea; li jsir skambju ta' informazzjoni dwar ir-regoli u l-iżviluppi l-ġodda; u biex jittejjeb il-fehim tar-rwol tal-istandards.

4.4. Sitwazzjonijiet u soluzzjonijiet speċifiċi

Lil hinn mill-passi segwiti għas-sejbien ta' soluzzjonijiet għall-problemi li nstabu fit-tnejn tal-istandards armonizzati skont l-RED, is-servizzi tal-Kummissjoni, fi sforz biex iżidu l-għadd ta' standards ippubblikati, seggew ukoll soluzzjonijiet pragmatiċi f'żewġ sitwazzjonijiet partikolari deskritti hawn taħt.

4.4.1. L-istandard tal-WiFi (EN 301 893)

⁶¹ Is-sessjoni ta' ħidma kienet organizzata f'Jannar 2017 fi Brussell u kien hemm ukoll parteċipanti mill-Korpi Nazzjonali tal-Istandardizzazzjoni, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, u l-assoċjazzjonijiet tal-industrija.

⁶² Ara hawn taħt.

⁶³ http://ec.europa.eu/growth/sectors/electrical-engineering/red-directive_en

⁶⁴ L-Istrateġija tas-Suq Uniku hija l-pjan tal-Kummissjoni biex tisfrutta l-potenzjal sħiħ tas-Suq Uniku:

http://ec.europa.eu/growth/single-market/strategy_en

Sitwazzjoni partikolari qamet bil-verżjoni l-ġdida ta' standard, imressaq mill-ETSI f'Mejju 2017, li jkopri għadd kbir ta' prodotti tal-WiFi (EN 301 893)⁶⁵.

Il-Kummissjoni introduċiet bħala soluzzjoni perjodu ta' tranżizzjoni li jagħti lill-industrija biżżejjed żmien biex taġġusta għall-ispeċifikazzjonijiet ta' dan l-istandard armonizzat il-ġdid.

4.4.2. Standards armonizzati li ma jinkludux speċifikazzjonijiet fuq il-parametri tal-prestazzjoni tar-riċevituri

Għadd ta' Standards Armonizzati tal-ETSI, ippubblikati skont id-Direttiva 1999/5/KE, ma jindirizzawx bis-sħiħ ir-rekwiżiti essenzjali tal-RED l-ġdida (eż l-parametri tal-prestazzjoni tar-riċevituri). Soluzzjoni speċifika segwita mill-Kummissjoni kienet, fiż-żmien tal-inklużjoni fil-lista tal-istandards armonizzati ppubblikata fil-ĠU⁶⁶ skont l-RED tar-referenzi ta' daww l-istandards armonizzati, li ddaħħal nota, li tispeċifika li dawn l-istandards ma jfissrux preżunzjoni ta' konformità fir-rigward ta' daww il-parametri neqsin. Għall-parametri neqsin relattivament limitati, il-manifatturi jkollhom isegwu proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità li tinvolvi korp notifikat (jiġifieri kwalunkwe mill-proċeduri stabbiliti fl-Anness III jew l-Anness IV tal-RED).

4.5. Stat tal-istandards armonizzati skont l-RED

Minħabba l-isforzi li saru u l-passi li ġew segwiti, in-numru ta' standards armonizzati tal-ETSI, li r-referenzi tagħhom ġew ippubblikati skont l-RED qabel it-tmiem tal-perjodu tranżitorju⁶⁷, kien ferm ogħla min-numru ta' standards li r-referenzi tagħhom ġew ippubblikati taħt id-Direttiva 1999/5/KE (RED: 134; id-Direttiva 1999/5/KE: 125)⁶⁸. Fil-bidu ta' Marzu 2018, ir-referenzi ta' 5 standards addizzjonali tal-ETSI kif ukoll 5 standards tas-CENELEC ġew ippubblikati fil-ĠU skont l-RED, li wassal għal għadd totali ta' 144 standard armonizzat⁶⁹.

⁶⁵ EN 301 893: 5 GHz RLAN; L-Istandard Armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3.2 tad-Direttiva 2014/53/UE.

⁶⁶ Ippubblikata fit-8 ta' Ġunju 2017, f'tit qabel it-tmiem tal-perjodu tranżitorju, li ntemm fit-12 ta' Ġunju 2017.

⁶⁷ jiġifieri qabel it-12 ta' Ġunju 2017.

⁶⁸ Kull Standard Armonizzat, bil-verżjonijiet emendati tiegħu jew f-verżjonijiet multipli (verżjonijiet ġodda u skaduti), kien meqjus bħala Standard Armonizzat wieħed.

⁶⁹ 139 standard tal-ETSI: huma relatati mar-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3(2) u (3). 5 standards tas-CENELEC: 4 standards tas-CENELEC huma relatati mar-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3(1)(a) u standard wieħed tas-CENELEC huwa relatat mar-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3(1)(b).

5. Ir-rekwiżiti

5.1. Ir-rekwiżiti bbażati fuq l-approċċ il-ġdid

L-RED tistabbilixxi rekwiżiti essenzjali għas-sikurezza u s-saħħa, għall-kompatibilità elettromanjetika u għall-użu effiċjenti tal-ispettru tar-radju. Din tipprovdi wkoll il-bażi għal regolamentazzjoni ulterjuri li tikkontrolla ċerti aspetti addizzjonali, eż il-protezzjoni tal-privatezza u d-*data* personali, il-protezzjoni mill-frodi, l-interoperabilità, l-aċċess għas-servizzi ta' emerġenza, il-konformità tal-kombinazzjoni ta' tagħmir tar-radju u softwer.

Ir-rekwiżiti essenzjali tas-sikurezza tal-RED, bħal dawk tad-Direttiva 1999/5/KE, jirreferu għall-għanijiet tas-sikurezza tad-Direttiva 2014/35/UE. Dawn l-għanijiet, li ilhom japplikaw fl-UE għal iktar minn 35 sena, jkopru l-perikli kollha għas-sikurezza tal-interess pubbliku, bil-għan li jiżguraw sistema koerenti u livell għoli ta' protezzjoni lill-utenti. Id-*data* tas-sorveljanza tas-suq li waslet saż-żmien meta ġie ffinalizzat dan ir-Rapport ma qajmet ebda tħassib jew problemi relatati mal-livell ta' sikurezza tat-tagħmir tar-radju mqiegħed fis-suq u ma tatx indikazzjoni ta' kwalunkwe inċidenti kkawżati mit-tagħmir tar-radju.

Ir-rekwiżiti essenzjali tal-RED huma appoġġjati minn standards armonizzati volontarji⁷⁰.

5.2. Is-setgħa mogħtija lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati u ta' implimentazzjoni

5.2.1. L-Artikolu 3.3 (rekwiżiti essenzjali addizzjonali) u l-Artikolu 4 (kombinazzjonijiet ta' tagħmir tar-radju u softwer)

L-Artikolu 3(3) jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati sabiex tispeċifika liema kategoriji jew klassijiet ta' tagħmir tar-radju huma kkonċernati minn kull wieħed mir-rekwiżiti stabbiliti fil-punti (a) sa (i) tal-Artikolu 3(3). Dawn ir-rekwiżiti huma relatati mal-interoperabilità, is-servizzi ta' emerġenza, is-softwer, il-frodi, l-aċċessibilità, il-privatezza, id-*data* personali u l-użu ħażin.

Sakemm ġie ffinalizzat dan ir-Rapport, il-Kummissjoni kienet għadha ma adottat ebda att delegat li jikkonċerna l-Artikolu 3(3), għalkemm hemm ċerti inizjattivi li ttieħdu diġà kif deskritt hawn taħt. Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni adottati skont id-Direttiva 1999/5/KE, jibqgħu japplikaw skont l-RED, dejjem jekk dawn mhumiex inkompatibbli magħha, sakemm jiġu mħassra. Bħala konsegwenza, hemm ħames Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li huma validi u japplikaw għall-fini tal-Artikolu 3(3)(g)⁷¹.

⁷⁰ Ara t-Taqsim 4.

⁷¹ Dawn id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni huma mniżżla fl-Anness.

Skont l-Artikolu 4 tal-RED, il-manifatturi tat-tagħmir tar-radju u tas-software li jippermetti li t-tagħmir tar-radju jintuża kif intiż, għandhom jipprovdu lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni b'informazzjoni dwar il-konformità tal-kombinazzjonijiet intiżi tat-tagħmir tar-radju u tas-software mar-rekwiżiti essenzjali stipulati fl-Artikolu 3 tal-RED. Dan ir-rekwiżit japplika jekk l-atti delegati u ta' implimentazzjoni relatati jiġu adottati mill-Kummissjoni. Sal-lum l-ebda att delegat jew ta' implimentazzjoni ma ġie adottat, għall-fini tal-Artikolu 4.

Grupp ta' esperti tal-Kummissjoni dwar it-tagħmir tar-radju ġie rreġistrat fuq ir-reġistru tal-Kummissjoni⁷² bil-kompitu li jassisti lill-Kummissjoni fit-tnejn ta' kwalunkwe atti delegati potenzjali relatati mal-RED u b'mod ġenerali biex jipprovdi parir espert dwar kwalunkwe kwistjoni relatata mal-RED. Sakemm ġie ffinalizzat dan ir-Rapport, ġiet ippubblikata sejħa għal applikazzjonijiet għall-għażla tal-membri tiegħu u biex dan jiġi stabbilit.

L-Artikoli 3(3)(i) u 4: Prodotti konnessi

Fil-każ ta' teknoloġiji diġitali emerġenti, bħall-Internet tal-Oġġetti (IoT), ir-robotika avvanzata u s-sistemi awtonomi mħaddma bl-Intelliġenza Artifiċjali (AI), l-istampar 3D jew il-cloud computing, l-ekonomija u s-soċjetà tagħna jistgħu jkollhom jiffaċċjaw sfidi legali li jmorru lil hinn minn dawk li rriżultaw s'issa mill-età tal-kompjuterizzazzjoni.

Il-Kummissjoni qed tiegħu inizjattivi f'dan il-qasam⁷³. F'April 2018, ġiet adottata Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni⁷⁴. Din il-Komunikazzjoni tenfasizza l-inizjattivi li ttieħdu u l-passi 'l quddiem li saru relatati mal-Intelliġenza Artifiċjali.

L-RED tista' tkun rilevanti f'dan il-qasam għaliex din tapplika għal prodotti konnessi (jiġifieri tagħmir li jikkomunika) u tistabbilixxi r-rekwiżiti relatati sabiex dan it-tagħmir jappoġġja karatteristiċi li jiżguraw li l-konformità tiegħu ma tkunx affettwata minħabba l-użu ta' software ġdid jew modifikat kif ukoll sabiex meta jkun qed jintuża jipproteġi ċerti elementi bħad-data personali, il-privatezza, eċċ.

Qasam wiehied li qed jiġi kkunsidrat huwa li jiġi ppreparat att delegat/ta' implimentazzjoni wiehied jew iktar skont l-Artikolu 3(3)(i) u l-Artikolu 4(2) tal-RED, li t-tnejn jirreferu għall-użu tas-software, bil-għan li jiġi żgurat li l-konformità ta' ċerti klassijiet ta' tagħmir tar-radju ma tkunx affettwata minħabba l-użu ta' software ġdid jew modifikat.

Il-Kummissjoni waqqfet Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni dwar is-Sistemi tar-Radju Rikongurabbli (E03413) għal perjodu ta' żmien limitat⁷⁵. Għalkemm se jiġi stabbilit grupp

⁷² Isem: Grupp ta' esperti tal-Kummissjoni dwar it-Tagħmir tar-Radju (E03587)

⁷³ <https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/artificial-intelligence>

⁷⁴ COM(2018) 237 final.

⁷⁵ Pubblikazzjoni fir-RegExp tal-Kummissjoni: id-09 ta' Diċembru 2016. Għal aktar taħrif ara:

ta' esperti ġdid dwar it-tagħmir tar-radju li se jkollu mandat usa', il-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni dwar is-Sistemi tar-Radju Rikonfigurabbli se jinżamm bħala grupp ta' esperti separat sabiex dan ikun jista' jtemm il-ħidma tiegħu.

Il-Kummissjoni qed tikkunsidra wkoll li tuża s-setgħa stabbilita fl-Artikolu 3(3), relatata mal-frodi, il-privatezza u d-*data* personali. Is-servizzi tal-Kummissjoni qed jeżaminaw u jiddiskutu fit-TCAM u l-Grupp ta' Ħidma tiegħu l-problemi reċenti li qamu rigward is-sikurezza ta' ċerti kategoriji ta' prodotti li jikkomunikaw (bħal pupi jew arloġġi intelliġenti) u r-riskji li dawn jimponu b'mod speċjali għat-tfal.

Wara l-problemi mqajma fil-Grupp ta' Ħidma tat-TCAM rigward is-sikurezza ta' ċerti kategoriji ta' prodotti li jikkomunikaw (bħal pupi jew arloġġi intelliġenti), se jsiru diskussjonijiet ulterjuri fil-grupp dwar it-tagħmir tar-radju li se jiġi stabbilit mill-Kummissjoni.

Għal dan il-għan, is-servizzi tal-Kummissjoni għandhom l-intenzjoni li jniedu studji, wieħed dwar l-arloġġi intelliġenti u l-ġugarelli konnessi u ieħor dwar is-Sistemi tar-Radju Rikonfigurabbli, sabiex janalizzaw il-livell ta' kritikalitajiet u jipprovdu analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji.

L-Artikolu 3(3)(a): Ċarġer komuni

Rigward iċ-ċarġer komuni, l-RED tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni, skont l-Artikolu 3(3)(a) tal-RED, li tiddefinixxi l-kategoriji jew il-klassijiet li għandhom jinbnew b'mod li dawn jaħdmu flimkien mal-aċċessorji, b'mod partikolari maċ-ċarġers komuni. L-RED, fil-premessa (12), tirreferi għall-isforz imġedded biex jiġi żviluppat ċarġer komuni għal kategoriji jew klassijiet partikolari ta' tagħmir tar-radju.

Fl-2009, il-manifatturi tal-mowbajls qablu fuq ftehim volontarju (Memorandum ta' Qbil) relatat mal-mowbajls li jidħlu fis-suq mill-2011⁷⁶. Il-firmatarji qablu li jiżviluppaw speċifikazzjoni komuni bbażata fuq l-interfaċċa tal-USB 2.0 Micro B (Micro-USB), li tippermetti kompatibilità tal-iċċarġjar sħiħa mal-mowbajls li jkun se jittqiegħdu fis-suq. Għal dawk it-telefons li ma kellhomx interfaċċa tal-Micro-USD kien permess adapter skont it-termini tal-Memorandum ta' Qbil.

Il-Memorandum ta' Qbil kellu l-għan li jiggarantixxi l-interoperabilità bejn iċ-ċarġers u l-mowbajls il-ġodda fis-suq, li jnaqqas il-ħtieġa li jinxtrow u jinbidlu kontinwament iċ-ċarġers u l-kejbils u li jwassal għal tnaqqis konsegwenti tal-iskart-e b'konformità mal-istrateġiji tal-Ekonomija Ċirkolari u l-Unjoni tal-Enerġija⁷⁷. Fl-istess ħin, l-interoperabilità tqieset fundamentali għall-iżvilupp ta' Suq Uniku Diġitali kompetittiv, għall-benefiċċju tal-industrja kif ukoll tal-konsumaturi. Il-Memorandum ta' Qbil kellu l-għan ukoll li jiżgura li ċ-ċittadini

<http://ec.europa.eu/transparency/regexpert>

⁷⁶ Il-Memorandum ta' Qbil, wara żewġ ittri ta' tiġdid, skada fl-2014.

⁷⁷ http://ec.europa.eu/environment/circular-economy/index_en.htm

jkunu jistgħu jibbenefikaw minn ċarġers affidabbli, effiċjenti fl-użu tal-enerġija u sikuri, kemm jekk dawn kienu pprovduti mill-manifatturi tas-smartfowns kif ukoll jekk inbiegħu bħala prodotti awtonomi.

Qabel il-Memorandum ta' Qbil, kien hemm 500 miljun mowbajl fl-użu fil-pajjiżi tal-UE, iżda dawn kienu kompatibbli biss ma' ċarġers tal-mowbajl speċifiċi billi kien hemm iktar minn 30 tip differenti ta' ċarġer fis-suq. Minbarra l-inkonvenjenza għall-konsumatur, dik is-sitwazzjoni kienet stmata li tiġġenera iktar minn 51 000 tonnellata ta' skart elettroniku fis-sena fl-UE.

Studju, li vvaluta l-Impatt tal-Memorandum ta' Qbil fuq l-Armonizzazzjoni ta' Ċarġers għall-Mowbajls u l-Għażliet Possibbli fil-Ġejjieni, ġie kkummissjonat mill-Kummissjoni. Dan tressaq f'Awwissu 2014⁷⁸ u kkonferma li l-metodu magħżul (ftehim volontarju ffaċilitat mill-Kummissjoni, flimkien mal-iżvilupp ta' standard tekniku) żied l-armonizzazzjoni tal-iċċarġjar tal-mowbajls fl-UE u tejjeb il-konvenjenza tal-konsumaturi.

L-istudju, b'mod partikolari, ipprova l-informazzjoni u l-konklużjonijiet li ġejjin: anke l-manifatturi tal-mowbajls li ma ffirmawx il-Memorandum ta' Qbil jidhru li adottaw ukoll soluzzjonijiet tal-iċċarġjar tal-Micro-USB, li wassal għall-indikazzjoni li kważi 100 % tat-telefons b'kapaċità ta' data mibjugħin fl-Ewropa fl-2013 kienu jikkonformaw mas-soluzzjoni tal-iċċarġjar tal-Micro-USB; minħabba l-Memorandum ta' Qbil, huwa stmat li kien hemm sitta sa 21 miljun inqas ċarġers awtonomi matul il-perjodu tal-2011 sal-2013; iż-żieda fil-prevalenza tal-iċċarġjar tal-Micro-USB illimitat il-ħtieġa li jinxtraw ċarġers awtonomi u bħala konsegwenza naqqset l-użu tal-materja prima li kieku kienet tintuża.

Billi l-esperjenza preċedenti tal-Memorandum ta' Qbil kienet ta' suċċess għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, il-Kummissjoni xtaqet tkompli bl-approċċ diġà segwit ibbażat fuq ftehim volontarju. Barra dan, soluzzjoni volontarja tista' takkomoda iktar faċilment teknoloġija ġdida u l-innovazzjoni mqabbla ma' għażla regolatorja. Barra dan, approċċ volontarju seta' kellu l-vantaġġ ta' kamp ta' applikazzjoni usa', mqabbel mal-għażla regolatorja, pereżempju, dan seta' kopra iż-żewġ itruf tal-kejbil tal-iċċarġjar⁷⁹.

Madankollu, minħabba r-riżultat mhux sodisfaċenti s'issa tal-progress fl-għażla volontarja, il-Kummissjoni daqt se tniedi studju biex tivvaluta l-ispejjeż u l-benefiċċji ta' għażliet differenti, inkluż dik regolatorja.

L-Artikolu 3(3)(g): Aċċess effettiv għas-servizzi ta' emerġenza għas-smartfowns

Suġġett wieħed li qed jingħata kunsiderazzjoni huwa att delegat, skont l-Artikolu 3(3)(g) tal-RED, sabiex il-mowbajls b'kapaċità informatika avvanzata (jiġifieri s-“smartfowns”) ikunu soġġetti għar-rekwiżit relatat mas-servizzi ta' emerġenza. L-għan huwa li jiġi żgurat li meta s-

⁷⁸ Ippubblikat fuq is-sit web tal-Kummissjoni:

http://ec.europa.eu/growth/sectors/electrical-engineering/red-directive/common-charger_en

⁷⁹ L-Artikolu 3(3)(a) tal-RED jippermetti biss li tiġi rregolata n-naħa tal-mowbajl (l-interfaċċa).

“smartfowns” jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni Ewropea, dawn jappoġġjaw aċċess effettiv għas-servizzi ta’ emerġenza, eż l-112.

5.2.2. Artikolu 5 (reġistrazzjoni)

L-Artikolu 5 tal-RED jistabbilixxi sistema ta’ reġistrazzjoni, relatata mal-kategoriji jew mal-klassijiet ta’ tagħmir tar-radju affettwati minn livell baxx ta’ konformità, li tapplika jekk l-atti delegati u ta’ implimentazzjoni relatati jiġu adottati mill-Kummissjoni.

Attwalment ma hemmx biżżejjed *data*, statistika jew evidenza li turi li kategoriji jew klassijiet speċifiċi ta’ tagħmir tar-radju huma affettwati minn livell baxx ta’ konformità. Kif iċċarat hawn fuq, il-manifatturi ppreferew jużaw, sal-aħħar tal-perjodu tranżitorju, id-Direttiva mħassra u bħala riżultat, il-konformità tal-maġġoranza kbira tat-tagħmir tar-radju fis-suq kienet ivvalutata biss fuq il-bażi tad-Direttiva 1999/5/KE.

Għaldaqstant, sal-lum il-Kummissjoni għadha ma adottat ebda att delegat jew ta’ implimentazzjoni skont l-Artikolu 5.

5.2.3. Dispożizzjonijiet oħra

Lil hinn mill-Artikoli 4 u 5 (imsemmija hawn fuq), dispożizzjonijiet speċifiċi oħra tal-RED jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni tadotta atti ta’ implimentazzjoni⁸⁰.

Sal-lum il-Kummissjoni adottat att ta’ implimentazzjoni wieħed li huwa relatat mal-implimentazzjoni tal-Artikolu 10(10) tal-RED⁸¹.

L-Artikolu 10(10) tal-RED jeħtieġ li l-manifatturi jżidu informazzjoni fuq il-pakkett li tippermetti l-identifikazzjoni tal-Istati Membri jew taż-żona ġeografika fi Stat Membri fejn jeżistu restrizzjonijiet fuq it-tqegħid fis-servizz jew rekwiżiti għall-użu relatati mat-tagħmir tar-radju. Barra dan, l-istess dispożizzjoni teħtieġ li l-manifattur jikkompleta l-informazzjoni fuq ir-restrizzjonijiet jew ir-rekwiżiti attwali fl-istruzzjonijiet li jakkumpanjaw it-tagħmir tar-radju. L-att ta’ implimentazzjoni jipprovdi żewġ għażliet dwar kif l-informazzjoni tista’ tiġi ppreżentata fuq l-imballaġġ⁸². Barra dan, l-att ta’ implimentazzjoni jistipula li għandha tingħata informazzjoni dettaljata fl-istruzzjonijiet f’lingwa li tinftiehem faċilment mill-utenti finali kif iddeterminat mill-Istat Membru konċernat.

⁸⁰ L-Artikoli 2(2), 8(2), 10(10), 33(4), 41(1) u 42(4).

⁸¹ Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1354 tal-20 ta’ Lulju 2017 li jispeċifika kif tiġi ppreżentata l-informazzjoni prevista fl-Artikolu 10(10) tad-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Test b’rilevanza għaż-ŻEE), ĠU L 190, 21.7.2017, p. 7–10.

⁸² Il-manifattur jista’ jipprovdi, b’mod viżibbli u li tingħata, jew dikjarazzjoni qasira bil-miktub jew pittogramma fuq l-imballaġġ.

5.3. Tneħħija tal-obbligi amministrattivi mhux meħtieġa u l-ambigwitatijiet

Skont il-Valutazzjoni tal-Impatt relatata mal-proposta għal Direttiva dwar it-Tagħmir tar-Radju⁸³, id-Direttiva preċedenti (jiġifieri d-Direttiva 1999/5/KE) kien fiha għadd ta' ambigwitatijiet u obbligi amministrattivi mhux meħtieġa, pereżempju rekwiżiti relatati man-notifiki jew l-immarkar.

L-RED, permezz tat-tneħħija tar-rekwiżit dwar in-notifika, kif meħtieġ mill-Artikolu 6(4) tad-Direttiva 1999/5/KE, neħħiet ostakolu kummerċjali potenzjali impost fuq il-manifatturi li ma għadhomx meħtieġa jinnotifikaw l-awtoritajiet għall-ġestjoni tal-ispettru rilevanti dwar l-intenzjoni tagħhom li jqiegħdu fis-suq tagħmir tar-radju li juża frekwenzi li mhumiex armonizzati madwar l-UE. Bħala konsegwenza l-Kummissjoni temmet l-operazzjoni tas-sistema tal-OSN (Notifika Unika), l-għodda online disponibbli għall-utenti reġistrati fuq il-Portal tas-Servizzi elettroniċi ta' GROW biex jinnotifikaw lill-awtoritajiet tal-ġestjoni tal-ispettru rilevanti dwar l-intenzjoni tagħhom li jqiegħdu fis-suq tagħmir tar-radju li juża frekwenzi li mhumiex armonizzati madwar l-UE⁸⁴, li jelimina għalhekk l-ispejjeż kollha operattivi.

L-identifikatur tal-klassi "sinjal ta' twissija" li kien meħtieġ jiġi mwaħħal skont id-Direttiva 1999/5/KE mhux meħtieġ mill-RED. Il-valur prattiku ta' dan is-sinjal għall-konsumaturi kien limitat ħafna, kien hemm konfużjoni dwar meta kien meħtieġ li jiġi mwaħħal u għalhekk dan ir-rekwiżit ħoloq piż amministrattiv mhux meħtieġ għall-industrija. L-RED għandha dispożizzjonijiet iktar ċari dwar l-informazzjoni li trid tingħata meta jkun hemm restrizzjonijiet fuq l-użu⁸⁵. Il-Kummissjoni adottat att ta' implimentazzjoni li jispeċifika kif għandha tiġi ppreżentata din l-informazzjoni li jnaqqas il-piż amministrattiv li obbligu bħal dan jista' joħloq (ara t-Taqsima 5.2.3).

Sabiex jiġu evitati ostakli mhux meħtieġa għall-kummerċ f'tagħmir tar-radju fis-suq intern, l-RED, kif ukoll id-Direttiva 1999/5/KE meta kienet fis-seħħ, teħtieġ l-Istati Membri jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lil Stati Membri oħra bil-proġetti tagħhom fil-qasam tar-regolamenti tekniċi, bħall-interfaċċji tar-radju. L-RED, mqabbla mad-Direttiva 1999/5/KE, eliminat piż tax-xogħol amministrattiv mhux meħtieġ billi dan ir-rekwiżiti dwar in-notifika mhux dejjem japplika, pereżempju, l-RED teżenta mill-obbligu ta' notifika dawk ir-regolamenti nazzjonali dwar l-interfaċċa li jikkonformaw mal-atti vinkolanti tal-Unjoni. Is-servizzi tal-Kummissjoni ħejjew mudell biex jintuża mill-Istati Membri u l-istati tal-EFTA meta jħejju u jipubblikaw Regolamenti dwar l-Interfaċċa nazzjonali li jeħtieġu notifika, li jiffaċilita għalhekk it-tħaddim u l-applikazzjoni ta' dik id-dispożizzjoni.

⁸³ 52012SC0300

⁸⁴ Għal perjodu tranżitorju, sal-aħħar tal-2017, id-data baqgħet disponibbli.

⁸⁵ L-Artikolu 10(10) tad-Direttiva jeħtieġ li i-manifatturi jżidu informazzjoni fuq il-pakkett li tippermetti l-identifikazzjoni tal-Istati Membri jew taż-żona ġeografika fi Stat Membru fejn jeżistu restrizzjonijiet fuq it-tqegħid fis-servizz jew rekwiżiti għall-użu relatati mat-tagħmir tar-radju. Barra dan, informazzjoni ulterjuri dwar ir-restrizzjonijiet jew ir-rekwiżiti attwali għandha tiġi kkompletata fl-istruzzjonijiet li jakkumpanjaw it-tagħmir tar-radju.

Ir-rekwiżiti tal-RED dwar il-markar CE⁸⁶ ħafna drabi segwew il-prinċipji tal-Qafas Leġiżlattiv Ġdid. Id-differenza ewlenija, imqabbla mal-Qafas Leġiżlattiv Ġdid, hija l-obbligu li l-markar CE jitwagħhal ukoll fuq l-imballaġġ. Ma hemm l-ebda indikazzjoni, madankollu, minn meta bdiet tapplika l-RED, li dan ir-rekwiżit joħloq kwalunkwe piż addizzjonali mhux dovut fuq il-manifatturi⁸⁷. It-tagħmir tar-radju jista' jkun soġġett għal diversi biċċiet ta' leġiżlazzjoni tal-UE, minbarra l-RED, li jipprovdu għall-markar CE⁸⁸. Għalhekk, l-allinjament mal-prinċipji tal-Qafas Leġiżlattiv Ġdid jissimplifika l-piż impost fuq il-manifatturi, billi dawn jistgħu jsegwu u japplikaw prinċipji uniformi.

L-introduzzjoni ta' markar CE fuq l-iskrin u b'mod ġenerali tat-tikkettar elettroniku hija għażla li tista' tiġi vvalutata fl-isfera tal-qafas orizzontali⁸⁹ kieku kellha tqum il-ħtieġa li jiġu riveduti kwalunkwe minn dawn il-prinċipji uniformi wara evalwazzjoni orizzontali tal-leġiżlazzjoni eżistenti. Fil-fatt il-Valutazzjoni tal-Impatt reċenti dwar l-Imballaġġ tal-Prodotti⁹⁰ ttrattat mal-ispejjeż u l-benefiċċji tat-tikkettar elettroniku, u kkonkludiet li l-vantaġġ ekonomiku tat-tikkettar elettroniku mhuwiex ċar.

6. Konklużjoni

B'mod ġenerali, l-implimentazzjoni tal-RED (bħala Direttiva ġdida) irnaxxiet sew u mingħajr problemi kbar bl-eċċezzjoni ta' dewmien mill-Istati Membri biex jinnotifikaw il-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom u dewmien fil-pubblikazzjoni tal-istandards armonizzati.

Il-Kummissjoni pprovdiet l-appoġġ meħtieġ, billi organizzat sessjoni ta' ħidma u ħarġet dokumenti ta' gwida, biex tiżgura tranżizzjoni faċli għad-Direttiva l-ġdida (RED)⁹¹.

Rigward it-traspożizzjoni tal-RED, għalkemm kien hemm dewmien minn numru ta' Stati Membri biex jinnotifikaw il-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali tagħhom fil-perjodu ta' żmien stipulat, il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda lment relatat ma' problemi kkawżati fuq il-moviment ħieles ta' tagħmir tar-radju li jikkonforma. Sal-aħħar tas-sena 2017, l-Istati Membri kollha kienu nnotifikaw il-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali tagħhom⁹².

⁸⁶ It-twaħħil tal-markar CE jindika l-konformità tal-prodott mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tapplika għall-prodott.

⁸⁷ Skont il-Premessa 45 tal-RED, ir-rekwiżit li jitwagħhal il-markar CE fuq l-imballaġġ tat-tagħmir instab li jissimplifika l-kompitu tas-sorveljanza tas-suq.

⁸⁸ eż id-Direttiva 2011/65/UE (Restrizzjoni tal-Użu ta' Ċerti Sustanzi Perikolużi fit-Tagħmir Elettriku u Elettroniku), id-Direttiva 2006/42/KE (Makkinarju), id-Direttiva 2009/48/KE (is-Sikurezza tal-Ġugarelli).

⁸⁹ It-tagħmir tar-radju huwa soġġett ukoll għal atti oħra tal-UE li jipprovdu għall-markar CE. Għalhekk jekk jiġi introdott il-markar CE fuq l-iskrin, dawn l-atti l-oħra tal-UE għandhom jiġu mmodifikati wkoll.

⁹⁰ <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=SWD:2017:0466:FIN>

⁹¹ Ara t-Taqsima 2.

⁹² Ara t-Taqsima 3.1.

Fir-rigward tal-istandards armonizzati, is-sitwazzjoni kompliet titjeb b'mod konsistenti minħabba l-isforzi kollettivi tal-partijiet implikati (il-Kummissjoni u l-korpi ta' Standardizzazzjoni) kif ukoll l-approċċ pragmatiku segwit, meta meħtieġ, mill-Kummissjoni. Bħala konsegwenza, ir-referenzi tal-maġġoranza l-kbira tal-istandards fl-aħħar ġew iċċitati fil-ĠU⁹³.

Jenħtieġ li jkun innutat li, skont l-RED, it-tagħmir tar-radju għandu jikkonforma mar-rekwiżiti essenzjali. L-applikazzjoni ta' standards armonizzati, li r-referenzi tagħhom huma ppubblikati fil-ĠU skont l-RED, hija volontarja. Meta ma jeżistux jew ma jiġux applikati standards armonizzati, il-manifattur huwa meħtieġ jikkonsulta korp notifikat għal rekwiżiti speċifiċi⁹⁴.

L-ebda problemi ma nstabu fir-rigward tan-notifika lill-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità skont l-RED⁹⁵ u l-Kummissjoni qatt ma rċeviet kwalunkwe informazzjoni li tindika li l-korpi notifikati kellhom wisq xogħol jew ma setgħux iwettqu l-kompiti tagħhom.

L-RED, applikabbli mit-13 ta' Ġunju 2016 ipprovdiet għal perjodu tranżitorju ta' sena⁹⁶ (li ntemm fit-12 ta' Ġunju 2017). Il-manifatturi ppreferew jużaw, sal-aħħar tal-perjodu tranżitorju, id-Direttiva 1999/5/KE. Għaldaqstant, sakemm ġie ffinalizzat dan ir-Rapport, il-maġġoranza kbira tat-tagħmir tar-radju, li kien fis-suq, kien ivvalutat fuq il-bażi tad-Direttiva 1999/5/KE.

Fin-nuqqas ta' *data*, statistika jew evidenza suffiċjenti fuq il-bażi tal-RED, ma tista' tintlaħaq l-ebda konklużjoni definittiva rigward il-kwistjoni ta' jekk kategoriji jew klassijiet speċifiċi ta' tagħmir tar-radju kinux affettwati minn livell baxx ta' konformità.

L-RED tat lill-Kummissjoni setgħat speċifiċi⁹⁷ filwaqt li ċerti Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni adottati skont id-Direttiva mħassra (id-Direttiva 1999/5/KE) jibqgħu japplikaw skont l-RED⁹⁸. Bl-użu ta' dawn is-setgħat, il-Kummissjoni diġà adottat att ta' implimentazzjoni wieħed għall-fini tal-Artikolu 10(10) tal-RED u hija fil-proċess li tħejji att delegat biex tiżgura li s-“smartfowns” jappoġġjaw aċċess effettiv għas-servizzi ta' emerġenza, eż l-E112.

Hemm ukoll talbiet fil-Grupp ta' Ħidma tat-TCAM għal atti delegati skont l-RED biex jiġi żgurat li: is-sigurtà u l-privatezza tal-utenti huma protetti; il-konformità tat-tagħmir tar-radju ma tkunx affettwata minħabba l-użu ta' softwer ġdid jew modifikat; u t-tagħmir tar-radju jaħdem ma' ċarġers komuni.

⁹³ Ara t-Taqsima 4.

⁹⁴ Għall-valutazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti relatati mal-Artikolu 3(2) u (3), iżda ma hemm l-ebda obbligu bħal dan għar-rekwiżiti relatati mal-Artikolu 3(1).

⁹⁵ Ara t-Taqsima 3.3.

⁹⁶ L-Artikolu 48 tal-RED.

⁹⁷ Ara t-Taqsima 5.2.

⁹⁸ Ara l-Anness mehmuż.

Madankollu, l-ewwel irid jiġi esplorat liema klassijiet jew kategoriji ta' tagħmir tar-radju jistgħu jkunu koperti minn atti delegati bħal dawn. Sabiex tiġbor il-pariri tal-esperti u tiddiskuti fil-fond dawn il-kwistjonijiet, il-Kummissjoni waqqfet Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni dwar is-Sistemi tar-Radju Rikonfigurabbli u hija fil-proċess li twaqqaf grupp ta' esperti ġdid dwar tagħmir tar-radju b'mandat usa'⁹⁹. L-adozzjoni ta' att delegat jenħtieġ li tkun preċeduta minn valutazzjoni tal-impatt b'konformità mal-Linji Gwida dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

Skont l-Artikolu 47(2) tal-RED, għandu jiġi ppreparat rapport kull ħames snin li jfisser li r-rapport li jmiss se jiġi ppreparat u sottomess fl-2023.

⁹⁹ Ara t-Taqsima 5.2.1.

Anness

Bidliet Introdotti mill-RED

Bidliet bejn il-kampijiet ta' applikazzjoni

Fir-rigward tad-Direttiva 1999/5/KE, l-RED introduċiet il-bidliet li ġejjin:

- Tagħmir li jirċievi biss ħsejjes tar-radju puri u TV u radju, li ġie eskluż mid-Direttiva 1999/5/KE, jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-RED;
- Tagħmir li jopera taħt id-9 kHz jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-RED;
- Tagħmir tal-lokalizzazzjoni bir-radju huwa inkluż b'mod ċar fil-kamp ta' applikazzjoni tal-RED;
- Tagħmir terminali ta' telekomunikazzjonijiet bil-fili pur ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-RED;
- Kits ta' evalwazzjoni mibnija skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-utent għall-professjonisti biex jintużaw biss f'faċilitajiet tar-riċerka u tal-iżvilupp għal skopijiet bħal dawn huma esklużi b'mod espliċitu mill-RED.

Bidliet oħra (lista mhux eżawrjenti), mhux relatati mal-allinjament mal-QLĠ

- Għar-rekwiżit essenzjali stabbilit fl-Artikolu 3.1.a, il-valutazzjoni għandha tikkunsidra wkoll il-kundizzjonijiet ta' użu raġonevolment prevedibbli;
- Ir-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Artikolu 3.2 jirreferu wkoll għall-użu effiċjenti tal-ispettru tar-radju;
- Ebda pubblikazzjoni tal-interfaċċji pubbliċi minn operatori tan-netwerk (l-Artikolu 4.2 tad-Direttiva 1999/5/KE tneħħa);
- In-notifika tal-manifattur lill-Istati Membri ta' tagħmir tar-radju li juża frekwenzi li mhumex armonizzati madwar l-UE m'għadhiex meħtieġa (l-Artikolu 6.4 tad-Direttiva 1999/5/KE tneħħa).

Id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni skont id-Direttiva 1999/5/KE

Id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 3.3 tad-Direttiva 1999/5/KE jibqgħu japplikaw skont l-RED sakemm dawn mhumex inkompatibbli mal-RED. Dawn huma dawk li ġejjin:

- id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/631/KE tad-29 ta' Awwissu 2005 dwar rekwiżiti essenzjali kif imsemmija fid-Direttiva 1999/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-

Kunsill li jiżguraw l-aċċess lis-servizzi tal-emerġenza għall-emittenti ta' sinjali ta' lokalizzazzjoni Cospas-Sarsat (ĠU L 225, 31.8.2005, p. 28);

- id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/53/KE tal-25 ta' Jannar 2005 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 3(3)(e) tad-Direttiva 1999/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għat-tagħmir tar-radju li għandu bħala għan il-parteciċipazzjoni fis-Sistema ta' Identifikazzjoni Awtomatika (AIS) (ĠU L 22, 26.1.2005, p. 14);
- id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/638/UE tat-12 ta' Awwissu 2013 dwar ir-rekwiżiti essenzjali fir-rigward tat-tagħmir ta' komunikazzjoni bir-radju fuq il-baħar maħsub biex jintuża fuq vapuri non-SOLAS u biex ikun parti mis-Sistema Marittima Globali għall-Periklu u s-Sigurtà (GMDSS) (ĠU L 296, 7.11.2013, p. 22);
- id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/148/KE tal-21 ta' Frar 2001 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 3(3)(e) tad-Direttiva 1999/5/KE għal sinjali ta' valanga (ĠU L 55, 24.2.2001, p. 65);
- id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/637/KE tat-22 ta' Settembru 2000 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 3(3)(e) tad-Direttiva 1999/5/KE għal apparat tar-radju kopert taħt l-arranġament reġjonali dwar is-servizz ta' radju telefown fuq passaġġi fuq l-ilma interni (ĠU L 269, 21.10.2000, p. 50). Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/631/KE.

Barra dan, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/299/KE tas-6 ta' April 2000 li tistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-bidu ta' tagħmir tar-radju u ta' tagħmir ta' terminali tat-telekommunikazzjoni u ta' identifikanti assoċjati (ĠU L 97, 19.4.2000, p. 13) adottata skont l-Artikolu 4.1 tad-Direttiva 1999/5/KE, tibqa' valida ħlief għad-dispożizzjonijiet li jirreferu għas-“Sinjal ta' twissija”.

L-identifikatur tal-klassi bħala “sinjal informattiv” jew “sinjal ta' twissija”, meħtieġ mid-Direttiva 1999/5/KE biex l-utent jiġi mwissu dwar restrizzjonijiet potenzjali jew rekwiżiti għall-awtorizzazzjoni tal-użu tat-tagħmir tar-radju f'ċerti Stati Membri, mhux meħtieġ mill-RED. Minflok il-manifattur huwa meħtieġ jipprovdi informazzjoni skont l-Artikolu 10(10) tal-RED meta jkun jeżistu fi Stat Membru wieħed jew aktar restrizzjonijiet fuq it-tqegħid fis-servizz jew rekwiżiti għall-awtorizzazzjoni tal-użu.

Il-Kummissjoni tista' tadotta att ta' implimentazzjoni li jispeċifika kif tiġi ppreżentata dik l-informazzjoni. B'mod partikolari, l-att ta' implimentazzjoni jipprovdi żewġ għażliet dwar kif l-informazzjoni tista' tiġi ppreżentata fuq l-imballaġġ. Il-manifattur jista' jipprovdi, b'mod viżibbli u li tinqara, dikjarazzjoni qasira bil-miktub jew pittogramma fuq l-imballaġġ.

Barra dan, l-att ta' implimentazzjoni jistipula li għandha tingħata informazzjoni dettaljata fl-istruzzjonijiet f'lingwa li tinftiehem faċilment mill-utenti finali kif iddeterminat mill-Istat Membru konċernat.